# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 10 ta' Jannar 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**
**vs**
**Omissis**

**Kumpilazzjoni Numru: 524/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Omissis

Akkuzat talli nhar l-24 t'Awwissu 2021 u fil-granet u fix-xhur u fis-snin ta' qabel f'diversi hinijiet gewwa l-Pieta' u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-

1. Ikkaguna lil ommu u cioe' Omissis biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha u dana fil-prezenza ta' ohtu l-minorenni Omissis.
2. Ikkaguna lil ommu u cioe' Omissis, fastidju ghal iktar minn darba meta gab ruhu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u dana fil-prezenza ta' ohtu l-minorenni Omissis.

Akkuzat ukoll talli nhar is-17 ta' Awwissu, 2021 u kif ukoll nhar l-24 ta' Awwissu, 2021 gewwa l-Pieta':-

3. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil ommu Omissis.

4. Bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hsieb, waddab jew xehet ilma jew hwejjeg ohra mahlula jew hmigijiet fuq il-persuna ta' ommu u cioe' fuq Omissis.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Omissis a beneficcju ta' Omissis, Omissis u l-familjari taghhom u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghall-persuni ta' Omissis u Omissis, jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Omissis b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fil-25 ta' Awwissu 2021 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li r-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat huma ta' certu gravita pero min-naha l-ohra hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. L-ewwel fattur

huwa l-eta ta'l-imputat li ghad ghandu hmistax il-sena u sa' llum ghandu fedina penali netta. Fattur iehor relevanti huwa l-ambjent li fih huwa trabba u kif dan seta' ikkontribwixxa ghall-agir tieghi. Mir-rapport tal-haddiema socjali li qed issegwi lill-imputat jidher li l-imgieba ta' l-imputat hija rizultat ta' esperjenzi negattivi li kiber fihom kif ukoll il-kumpanija hazina ta' hbieb li kien iqatta hafna hin maghhom u l-uzu tal-cannabis li zdied maz-zmien. Mill-atti jirrizulta li l-imputat ilu jigu segwiet minn haddiema socjali almenu minn Mejju 2020 ghalkemm mill-atti jidher ukoll li l-problemi fil-familja ta'l-imputat ma bdewx f'dak il-perjodu (cioe Mejju 2020) imma ilhom is-snin.

Illi jirrizulta li wara Mejju 2020 u l-ewwel interventi tal-haddiema socjali l-imputat gie riferut ghal diversi servizzi, uhud minnhom flimkien ma' ommu, biex jibda jindirizza s-sitwazzjonijiet u problemi li kienu qed igiebuh f'kuntrast kontinwu ma' ommu. Jidher pero li sa qabel ma sehh l-incident li wassal ghall-proceduri odjerni huwa kien qed jirrifjuta hafna mill-ghajnuna li kienet qed tigi offruta lilu. Is-sitwazzjoni llum jidher li inbidlet, dan anke wara li l-imputat ghamel diversi gimghat taht arrest preventiv, f'liema perjodu jidher li huwa fehem il-gravita tas-sitwazzjon tieghu, b'mod li issa huwa dispost li jilqa' l-ghajnuna li qed tigi offruta lilu tant li beda jaghmel programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Illi l-Qorti halliet din il-kawza pendenti ghal ftit xhur qabel ma procediet ghas-sentenza peress li ma kienx hemm post fil-programm ta' riabilitazzjoni intiz propju ghall-minorenni, u lanqas ma kien hemm residenza alternattiva fejn l-imputat jista' jirrisjedi. Mad-dekors taz-zmien omm l-imputat bidlet il-fehma taghha u regghet offriet kenn lil binha fir-residenza taghha u ghalhekk l-imputat rega' mar jirrisjedi maghha sa kemm ikun jista jibda l-programm ta' riabilitazzjoni. L-imputat fil-fatt inghata l-helsien mill-arrest fid-29 ta' Settembru 2021 u rega mar jghix ghandu ommu. Jidher li wara xi xahrejn rega inqala xi disgwid bejniethom. Gara ukoll li minkejja li kien hemm post disponibbli u seta' jibda l-programm, missieru ma ffirmax il-kunsens rikjest u l-imputat ma setax jibdih dan il-programma. Issa pero s-sitwazzjoni tidher li regghet stabilizzat ruhha, missier l-imputat iffirma l-kunsens mehtieg u l-imputat beda l-programm ta' riabilitazzjoni.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija disposta taghti lill-imputat opportunita li jkompli fit-triq ta' riabilitazzjoni li beda; ghalhekk ser tilqa r-rakkomandazzjoni ta'l-uffijcal ta' probation u tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation bil-kundizzjoni *inter alia* li jkompli sa tmienu l-programm ta' riabilitazzjoni li diga beda ma'l-Agenzija Caritas.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 37, 251A, 251B, 251H(a)(b), 202(h)(i), u 339(1)(d)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijijet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jkompli sa tmienu programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga li diga beda.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk l-imputat jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss jew ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficju ta' Probation u Parole.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**